VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

l-Hamis 7 ta' Novembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

PREŻENTI:

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Alfred Zammit – Vici Sindku
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Daniel Diacono – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI:

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 NIL

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 5 kienu ikkonfermati

## 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 Is-Sindku Olaf Mckay nforma dwar il-preparamenti ghal-avveniment li qed jorganizza l-Gvern Centrali fl-okkazzjoni tal-50 sena ta' Malta Repubblika.

6.3.2 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ghal zmien il-Milied il-VCA ser ikollu program varjat. Inform ukoll li dawl li ser jaghmel il-kunsill lokali ser jikkumplimenta dak ta' toroq principali.

6.3.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-Kunsill Belti permezz ta' Segretarju Ezekuttiv ser ikollu l-Presidenza ta' FECC Malta/Gozo. Huwa nforma li jixtieq li tizdied il-konkorrenza Maltija u allura fis-sena l-gdida ser kun qed jorganizza laqghat ghal-kunsilli lokali ohra biex jissiehbu fl-FECC.

6.3.4 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ser ikollu laqgha mal-Ministru owen Bonnici, Seg. Parl. Alison Zerafa Civelli u DG Emil Vassallo biex jiddiskuti l-Istatus legali tal-Belt Kapitali. Id-Dokument gie mfassal fuq Venezia u Oslo.

6.3.5 Is-Sindku Olaf Mckay informa li qed jipproponi li triq bla isem paralella ma Triq il-Merkanti u kantuniera ma' Triq l-Isptar ma triq San Pawl tigi msemmija ghal-Nazju Falzon.
Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier Raymond Azzopardi ssekonda l-proposta.

6.3.6 Is-Sindku Olaf Mckay informa li qed jipproponi li l-impjegat MC ikun l-agent segretarju tal-Kunsill Lokali tal-Belt.

6.3.7 Is-Sindku Olaf Mckay informa li rcieva stedina biex izur Cagliari, f'Sardenia. Dan bil-hsieb biex isir gemellag u anke progetti ohra relatati ma zghazagh.

6.3.8 Is-Sindku Olaf Mckay informa li rcieva telefonata m'ghand s-Sindku ta' Scala biex il-Kunsill tal-Belt jerga japplika ghal-fondi ta' Erasmus plus u jixtiequ li jkunu partners fil-progett.

6.3.9 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ser jitkellem mal-Kap ta' St. Albert biex issir fis-sala taghhom minhabba li fis-sala tal-Kunsill ser ikun hemm esebizzjoni ta' presepji.

6.3.10 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-Kunsill laqa' team tal-Basketball fejn sar il-launch ta' team il-gdid.

6.3.11 Is-Sindku Olaf Mckay informa li qed jigu mqassma l-waterkits mil-waterservices u resident jistghu jiehdu set kull wiehed.

6.3.12 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li ser ikun qed jerga jaghmel rapport dwar il-Burlesque li qed isir fil-belt fi Triq San Gwann. Nforma ukoll li hu ghamel diversi ilmenti mal-Pulizijia biex isir l-infurzar.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.4.1 Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet jekk jista isir tape anti slip fuq il bankina tan-nizla ta' San Duminku.

6.4.2 Il-Kunsillier Vincent Fabri staqsa ghalfejn mhux tinghatha it-tilqima ta' l-influenza mil-kunsill. Gie nfurmat li peress li qed jaghtu 3 tilqimiet allura ma tistax tinghata jekk mhux min clinic.

6.4.3 Il-Vici Sindku Alfred Zammit staqsa min hu driver tal-karozza tal-Kunsill u kif inhu mpjegat.

6.4.4 Il-Vici Sindku Alfred Zammit staqsa kif inhu l-kuntratt ta' l-avukati.

6.4.5 Il-Vici Sindku Alfred Zammit staqsa kif il-kunsill qabad u gedded l-kuntratt ta' notebook centre meta ma gabx rapport ta' residenti li qeda' fis-sena precendenti. Huwa talab rapport m'ghand il kumpanija.

## 6.5 Rapporti

## 6.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

6.6.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma dwar il-Harga ghal-Esplora ghal-Anzjani. Minhabba li din l-attivita qed tkun organizzata ma' day centre l-anzjani jridu jkunu registrati ma' l-active ageing.

6.6.2 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma dwar il-coffee morning ghal-milied ghal-Beltin kollha li ghandu jsir barra l-Belt u b'laqtgha differenti

6.6.3 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li fis-sena l-gdid ser ikun qed jahdem fuq zewg hargiet ohra.
Harga – Gurnata jew weekend sqallija
Harga – Gurnata Ghawdex

6.6.4 Il-Kunsilliera Raymond Azzopardi nforma li din is-sena sar xoghol kbir fuq culverts kollha tal-Belt.

6.6.5 Il-Kunsilliera Raymond Azzopardi nforma li Regjun ser ikun qed jaghti grass blower lil kunsill lokali (peress li attenda hu l-Laqgha tar-Regjun fl-assenza ta' Sindku.)

6.6.6 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li ser tkun qed tahdem ma Dulcier Noel Borg fil-bidu tas-sena dwar tahrig ghat-tfal fi tisjir.

6.6.7 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li tkun qed tahdem fuq l-ewwel tour mal-youth sector tal-football.

6.6.8 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li qed isir sforz biex jigu mhajra tfal ghal-kunsill ta' tfal.

6.6.9 Il-Kunsilliera Roberta Bonello nfurmat li bhala kunsill ghandu jippartecipa fil-funrun bhala team shih.

6.6.10 Il-Kunsilliera Dr Roberta Bonello nfurmat li ser tkun qed taghmel laqgha ma' MC dwar attivita li taqqad l-ghaqdiet sportivi beltin. Din pjanata ssir bejn April u Mejju. L-attivita pjanata li jkollha sezzjonijiet ta' tahrig u sezzjonijiet irterattivi u kompetizzjonijiet fost affarijiet ohra.

6.6.11 Il-Kunsilliera Dr Roberta Bonello nfurmat li ser tibghat komunikazzjoni lill-Perm Sec Turizmu (chairman ta VMU) biex bhala oppozizzjoni jkunu jistghu jiddiskutu maghhom hsibijiet bhala kunsillieri tal-Minoranza. Hija nfurmat li fost l-ohrajn jixitiequ jitkellmu dwar l-Istewards u l-Avviz Legali.

6.6.12 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma li ghada kif ghalqet l-iskema tat-tqassim ta' l-ikel tal-qtates. Il-Kunsill lokali qassam l-ikel lil persuna li huma registati. Is-Seg Ez. Ikkonfermat li tqassmu l-vouchers kollha li gew preparati

6.6.13 Il-Kunsillier Vincent Fabri ppropona li fil-fosos ta' Sant Iermu ghandhom jibdew jintuzaw bl-istess mod kif qed jintuzaw fil-pjazza ta'Kastilja. Ghandhom jintuzaw ghal-sigar allura zona tigi restawrata u mghotija lura bhala spazzju miftuh.

6.6.14 Il-Kunsillier Daniel Diacono nforma li ser ikun qed jorganizza flimkien ma Suq tal-Belt christmas village. Dan ser isir bejn 7-8 ta' Dicembru.

6.6.15 Il-Kunsillier Daniel Diacono nforma li ser ikun qed jorganizza tqassim tal-borza ta san martin. Din ser tigi preparata mil-haddiema tal-kunsill huwa stieden lill-Ylenia Montfort biex din issir nhar il-11 ta novembru 202

6.6.16 Il-Kunsillier Daniel Diacono nforma li ser ikun qed jahdem ma Seg Ez biex il-kunsill lokali jiehu sehem f'Rigal b'imhabba. Fejn jinxtraw rigali ghal tfal inqas ixxurtjati.

6.6.17 Il-Kunsillier Daniel Diacono nforma li ser ikun qed jorganizza esebizzjoni ta' flokkijiet sportivi biex jingabru flus ghal-istrina. Din ser issir fis-Sala tal-King's Own minhabba li sala tal-Kunsill mhux available. Din pjanata li ssir bejn 13-14 ta' Dicembru.

6.6.18 Il-Kunsillier Daniel Diacono nforma li ser ikun qed ilaqqa il-group tal-festi tal-belit biex tigi organizzata l-festa ta' tfal tal-festi beltin kollha. Din ghandna ssir bil-kollaborazzjoni tal-VCA. Ser tigi organizzata laqgha ma Chairman ta' VCA imbghad wara ma l-ghaqdiet beltin biex jibdew il-koordinamenti.

## 6.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

NIL

## 6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

NIL

## 6.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

6.9.1 Novembru 2024

Il-Kunsill aġġorna għal-Hamis 3 ta' Dicembru 2024 17.00hrs

IFFIRMATA IFFIRMATA

Olaf McKay
Sindku

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv